MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2013

Numru. 790/2013

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Shanelle Farrugia** ta' 19-il sena, bint Diana Farrugia, mwielda Pieta nhar it-28 ta' Marzu, 1994, residenti 11, Flat 1, Sqaq l-Erwieh, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 161794M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awissu, 2013 u fix-xhur ta' qabel id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Aktar tali fil-gimghat jew xhur ta' qabel it-12 t'Awissu, 2013, flimkien ma' persuna/i ohra f'dawn il-Gzejjer, f'diversi okkazjonijiet differenti, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta’ diversi nies mhux maghrufa;

Aktar talli fil-gimghat jew xhur ta’ qabel it-12 t’Awissu, 2013, flimkien ma’ persuna/i ohra f’dawn il-Gzejjer, f’okkazjonijiet differenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil diversi persuni kontra l-volonta’ taghhom meta ppuntawlhom strument li jaqta’ u bil-ponta waqt serq aggravat minn fuq l-istess persuni li l-identita’ taghhom ghadha mhux maghrufa;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistawx jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha;

Wara li rat l-artikoli 261 (a) u (f), 262, 270, 276, 277(a), 86 u 275 tal-Kapitolu 9; 7(2) tal-Kap 63 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputata fejn gia jirrizulta illi bbenefikat mid-disposti tal-Kap 446;

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputata minn jeddha accediet ghand il-Pulizija sabiex tikxef lill-malviventi li kienu kkostringewha taghmel dawn l-atti u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha terga tapplika d-disposti tal-Kap 446. Ghalhekk qed terga tqieghed lill-imputata taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 7 tal-Kap 446;

Il-Qorti spejgat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza;

Stante illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna illi l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali skond il-ligi.

Tordna ukoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services sabiex ikun/ tkun assenjata probation officer skond l-ordni ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------